**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru: 184/2015 MLF**

**Citadel Insurance plc**

**vs**

**Allcare Insurance Brokers Ltd u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2016 il-kliem "Allcare Insurance Brokers" gew kancellati u sostitwiti bil-kliem "AIB Insurance Brokers"**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Euro 6,576.22, ammont rapprezentanti *insurance premia* migbura minnha, in konnessjoni ma' diversi poloz ta' assigurazzjoni tas-socjeta' attrici mibjugha minnha, u li baqghu ma thallsux lis-socjeta' attrici, u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet.

   Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 166/15, il-mandati kawtelatorji li pprecedew jew jistghu isegwu dan l-att, u l-imghax kummercjali sa l-ghola rata premessa mil-ligi mid-data ta' kull fattura sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi preliminarjament isem is-socjeta' intimata kif indikat fl-atti tieghu ghandu jigi korrett minn sabiex jaqra "AIB Insurance Brokers Limited";

   ii. Illi fil-mertu, minbarra li l-ebda dokumentazzjoni ma giet annessa, il-bazi tat-talba tar-rikorrenti mhix cara, tant li l-esponenti ma tistax tifhem l-estent veru tat-talba u ma tistax tidentifika ghal x'hiex u ghal liema perijodi jirreferu l-ammonti hemm mitluba;

   iii. Illi ukoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe' dejn allegat huwa kontestat u jehtieg li jigi ppruvat;

   iv. Illi fil-fatt hija s-socjeta' rikorrenti li ghandha dejn mall-esponenti ghal liema dejn, ser tinfetah kawza separata. F'dan ir-rigward l-eccipjenti ssostni illi kwalunkwe ammonti li talvolta jistghu jigu dikjarati dovuti lir-rikorrenti ghandhom jigu pacuti mal-bilanci ekwivalenti dovuti lill-eccipjenti AIB Insurance Brokers Limited.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri taghhom.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Angela Tabone, *Managing Director* fi hdan is-socjeta' attrici xehdet illi s-socjeta' konvenuta kienet tipprovdi servizz ta' *brokerage*. Spjegat li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici f'din il-kawza jirraprezenta *premia* ta' klijenti tas-socjeta' konvenuta li baqghu ma thallsux. Qalet li qabel ma nbdew dawn il-proceduri hi u l-awditur David Pace kellhom laqgha ma' Ramon Mizzi, *Managing Director* tas-socjeta'

konvenuta, li kien qalilha li ried jaghmel tpartit ta’ dawn l-ammonti ma’ *claim* li s-socjeta’ konvenuta kellha fir-rigward tas-socjeta’ attrici.[1]

ii. Fil-mori tal-proceduri u cioe’ fit-2 ta’ Dicembru 2016 is-socjeta’ konvenuta iddepozitat fir-registru tal-Qorti s-somma ta’ €4,777.15 rapprezentanti parti mis-sorte pretiz mis-socjeta’ konvenuta permezz ta’ din il-kawza.[2]

iii. Rose Frendo, *Senior Manager* fi hdan is-socjeta’ attrici, xehdet illi l-parti tas-sorte li mhuwiex kopert permezz ta’ din ic-cedola ta’ depozitu jirraprezenta tlett kontijiet u cioe’ dawk relattivi ghal Penza Construction Limited fl-ammont ta’ €1,264, Mark Agius fl-ammont ta’ €247 u MCE Limited fl-ammont ta’ €177.42. Spjegat li r-raguni moghtija mis-socjeta’ konvenuta ghaliex dawn l-ammonti ma thallsux kien li s-socjeta’ konvenuta kienet qeghda tilmenta li hija ma rcevitx il-hlas relattiv ghal dawn il-koperturi minghand il-klijenti taghha. Xehedet li fir-rigward tal-kopertuti in kwistjoni s-socjeta’ attrici kienet irceviet struzzjonijiet minghand is-socjeta’ konvenuta sabiex dawn jigu mgedda. In kontro-ezami x-xhud spjegat li madwar sentejn qabel ma kienu nbdew dawn il-proceduri, is-socjeta’ attrici kienet irceviet minghand is-socjeta’ konvenuta pagament fl-ammont ta’ €4,777.15 li kien gie rifjutat ghaliex ma kienx jinkludi l-ammont shih pretiz mis-socjeta’ attrici.[3]

iv. Dr Simon Schembri,[4] membru fil-Kumitat Ezekuttiv tas-socjeta’ konvenuta, xehed li permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Lulju 2013 is-socjeta’ attrici kienet interpellat lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallasha s-somma ta’ €7,673.43.[5] Xehed li s-socjeta’ konvenuta kienet wiegbet ghal din l-ittra permezz ta’ ittra datata 12 ta’ Awwissu 2013 u li permezz taghha fl-ewwel lok kien gie spjegat li mill-ammont kellha tigi mnaqqsa s-somma ta’ €1,508.99 li kien gie mhallas b’*cheque* datat 1 ta’ Lulju 2013 u msarraf mis-socjeta’ attrici, u fit-tieni lok kienu ntbaghtu tlett *cheques* ohra rispettivament fl-ammont ta’ €367.17, €2,356.32 u €2,053.67 ghal total ta’ €4,777.16. Dwar il-bilanc fis-somma ta’ €1,387.92 fl-istess ittra s-socjeta’ konvenuta talbet kjarifika dwar ammont ta’ €424, filwaqt li fir-rigward tal-ammont

[1] Ara x-xhieda ta’ Angela Tabone a *fol.* 15 tal-process
[2] Ara c-cedola ta’ depozitu a *fol.* 65 tal-process
[3] Ara x-xhieda ta’ Rose Frendo a *fol.* 44 tal-process
[4] Ara x-xhieda ta’ Dr Simon Scembri a *fol.* 59 tal-process
[5] Ara l-ittra a *fol.* 67 tal-process

ta' €962 is-socjeta' konvenuta sahqet li dan kellu jigi rkuprat minghand il-klijenti tas-socjeta' attrici u mhux minghandha.[6]

v. Dwar il-pagamenti mibghuta mis-socjeta' konvenuta permezz tal-ittra datata 12 ta' Awwissu 2013, Ramon Mizzi, *Managing Director* tas-socjeta' konvenuta, xehed li dawn kienu intbghatu minghajr ebda kundizzjoni u kien biss fil-mori ta' din il-kawza li s-socjeta' konvenuta ntebhet li dawk ic-*cheques* ma kienux gew imsarrfa. Xehed li s-socjeta' konvenuta kienet talbet informazzjoni minghand is-socjeta' attrici dwar il-bilanc li kien baqa' pendenti izda tali nformazzjoni baqghet ma nghatatx. Spjega li wara li f'dawn il-proceduri r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu esebew id-dokumenti relattivi, is-socjeta' konvenuta kienet hallset is-somma ta' €1,639.[7]

vi. B'nota datata 27 ta' Marzu 2017 is-socjeta' attrici irriduciet is-sorte tat-talba taghha ghal €160.57.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. B'din il-kawza is-socjeta' attrici kienet qeghda tfittex li tithallas minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' €6,576.22 rapprezentanti *insurance premia* dovuti mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' diversi poloz ta' assigurazzjoni.

7. Bl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet li isimha ghandu jigi korrett biex jaqra "AIB Insurance Brokers Limited". Fuq talba tas-socjeta' attrici, b'digriet datat 9 ta' Marzu 2016 giet ordnata korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' konvenuta minn "Allcare Insurance Brokers Ltd" ghal "AIB Insurance Brokers Ltd". In vista ta' din il-korrezzjoni, din l-eccezzjoni giet sorvolata, u ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

[6] Ara l-ittra a *fol*. 68 tal-process
[7] Ara x-xhieda ta' Ramon Mizzi a *fol*. 74 tal-process
[8] Ara n-nota a *fol*. 57 tal-process

8. It-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta jirrigwardaw il-mertu tal-vertenza u permezz taghhom hija eccepiet li l-bazi tat-talba attrici mhijiex cara u li kwalunkwe' dejn allegat kien qieghed jigi kkontestat.

9. Mill-provi prodotti rrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici kienet mibnija fuq ghadd ta' *insurance premia* relattivi ghall-klijenti tas-socjeta' konvenuta li ma kienux gew imhallsa. B'ittra datata 25 ta' Lulju 2013, is-socjeta' attrici kienet talbet lis-socjeta' attrici thallsha s-somma ta' €7,673.43. Ghal din l-ittra is-socjeta' konvenuta kienet wiegbet b'ittra datata 12 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha irrimarkat li mill-ammont mitlub kellu jigu mnaqqas l-ammont ta' €1,508.99 li kien diga gie mhallas, u baghtitilha pagamenti permezz ta' tlett *cheques* li flimkien kienu jammontaw ghal total ta' €4,777.15.

10. Kien ghalhekk jifdal ammont bilancjali fis-somma €1,387.29, li in kwantu ghas-somma ta' €424.44 s-socjeta' konvenuta talbet li tinghata aktar informazzjoni dwaru u in kwantu ghal €962.85 kien qieghed jigi kkontestat mis-socjeta' konvenuta.

11. Madankollu jirrizulta li s-socjeta' attrici ma accettatx il-hlasijiet mibghuta mis-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' €4,777.16 u minflok ipprocediet sabiex tintavola l-proceduri odjerni. Imbaghad fil-mori ta' dawn il-proceduri is-socjeta' konvenuta ddepozitat fir-registru tal-Qorti s-somma ta' €4,777.15 bil-kundizzjoni li tali somma tigi liberament zbankata mis-socjeta' attrici u sussegwentement is-socjeta' konvenuta hallset lis-socjeta' attrici ammont ulterjuri ta' €1,639, liema pagament gie accettat mis-socjeta' attrici tant li b'nota datata 27 ta' Marzu 2017 is-socjeta' attrici irriduciet it-talba taghha ghal €160.57.[9]

12. Jidher ghalhekk li d-divergenza bejn il-partijiet illum hija ridotta ghal bilanc ta' €160.57. Is-socjeta' attrici tikkontendi li dan l-ammont gie ippruvat bhala dovut mill-i*statements* ipprezentati minnha kif ukoll minn dokumentazzjoni ohra relatata. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li mid-dokumentazzjoni esebita ma jirrizultax ghal liema kont dan il-bilanc qieghed jirreferi. Dan qieghed jinghad stante li meta xehdet f'dawn il-proceduri, Rose Frendo *Senior Manager* fi hdan is-socjeta' attrici, spjegat li

[9] Ara n-nota a fol. 57 tal-process

l-bilanc li kien ghadu dovut lis-socjeta' attrici kien jirrigwarda tlett kontijiet partikolari u cioe' dawk relattivi ghal Penza Construction Limited, Mark Agius u MCE Limited. Il-fatturi esebiti fir-rigward ta' Penza Construction Limited u Mark Agius[10] jammontaw ghal total ta' €1,461.58. Skond din ix-xhud l-ammont dovut fir-rigward tal-kont relattiv ghal MCE Limited kien ta' €177.42.[11] Maghdudin flimkien dawn jammontaw ghal €1,639, u cioe' l-ammont imhallas mis-socjeta' konvenuta fil-mori tal-proceduri.

13. Is-socjeta' attrici ma esebiet ebda dokumentazzjoni ohra u ghalhekk ma rnexxiliex tipprova ghal liema kont jirreferi il-bilanc minnha pretiz. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' attrici targumenta li s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova biex tiggustifika l-kontestazzjoni taghha ghal dan il-bilanc. Din is-sottomissjoni ma tregix u dan kemm fuq l-istregwa tal-massima illi "*onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*" u anke ghab-bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. Ladarba hija s-socjeta' attrici li qeghda tallega li dak il-bilanc huwa dovut lilha, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprova l-bazi tal-pretensjoni taghha.

14. Ghar-ragunijiet suesposti, it-talba tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas il-bilanc ta' €160.57 mhux ser tigi milqugha. In vista ta' dan, ma hemmx lok li l-Qorti tikkunsidra wkoll ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

15. Jifdal issa li l-Qorti tqis il-kwistjoni relattiva ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri. Is-sorte pretiz mis-socjeta' attrici fl-att promotur kien ta' €6,576.22. Dan kien jinkludi fih l-ammont ta' €4,777.15 li fir-rigward tieghu s-socjeta' konvenuta kienet diga effetwat hlasijiet. Rose Frendo xehdet li s-socjeta' attrici ma kenitx accettat il-hlasijiet mibghuta mis-socjeta' konvenuta ghar-raguni li dawn il-hlasijiet ma kienux jinkludu l-ammont shih pretiz mis-socjeta' attrici. Il-Qorti tqis li fl-ittra tat-12 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta baghtet dawn il-hlasijiet, is-socjeta' konvenuta ma rabtitx dawk il-hlasijiet ma ebda tip ta' kundizzjoni, u konsegwentement is-socjeta' konvenuta ma kinitx gustifikata meta ghazlet li ma taccettahomx.

---

[10] Ara sett ta' fatturi immarkati Dok RF1 u RF2 rispettivament a *fol*. 27 u 37 tal-process
[11] Ara x-xhieda ta' Rose Frendo a *fol*. 44 tal-process

16. Fir-rigward imbaghad tal-ammont bilancjali mis-sorte, is-socjeta’ konvenuta targumenta li fl-ittra taghha tat-12 ta’ Awwissu 2013 kienet talbet lis-socjeta’ attrici aktar informazzjoni dwar dak li kien qieghed jigi pretiz, u li kien nuqqas tas-socjeta’ attrici li ma provdietx din l-informazzjoni qabel ma ntavolat dawn il-proceduri. Il-Qorti tqis li l-informazzjoni mitluba mis-socjeta’ konvenuta f’dik l-ittra kienet limitata ghall-ammont ta’ €424.44 u cioe’ parti minn dan il-bilanc, filwaqt li l-ammont rimanenti kien qieghed jigi kkontestat. Ghalkemm din il-kontestazzjoni imbaghad giet irtirata fil-mori tal-proceduri u gie effetwat il-hlas ta’ €1,639, s-socjeta’ konvenuta naqset milli tispjega r-raguni ghal din il-bidla fil-posizzjoni taghha.

17. In vista tas-suespost, il-Qorti tqis li l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, inkluz dawk relatati mal-mandati kawtelatorji u dawk relatati mal-ittra ufficjali numru 166/15, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u tar-raba’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

    2. Tilqa’ in parte t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta

    3. Tichad it-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta.

19. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, inkluz dawk relatati mal-mandati kawtelatorji u dawk relatati mal-ittra ufficjali numru 166/15, ghandhom jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**